**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA’ GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA B.A., LL.D.**

**Illum, is-6 ta’ Frar 2023**

Kaz Nru: 55/2018

**IL-PULIZIJA**

(Spettur Malcolm Bondin)

**kontra**

**Jacob Rakban**

(Detentur tal-Karta tal-Identita’ Maltija bin-numru 50794(M))

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta’ **Jacob Rakban**, ta’ 23 sena, bin Hussam u Maris nee’ Bartolo, imwieled nhar il-5 ta’ Jannar 1994, residenti Binja Qlejgha, Blokk C, 38, Triq ir-Regimenti Maltin, Mtarfa u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 50794(M), senjatament akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, fit-12 ta’ Novembru 2017 u fis-snin ta’ qabel:

1. kellu fil-pussess tieghu id-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kontx fil-pussess ta’ awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjoniiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kontx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kontx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollok id-droga msemmija fil-pussess tieghek u nqast li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilek ghall-uzu tieghek skond ir-ricetta

2. kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicni Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.
3. kellu fil-pussess tieghu id-droga herojina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kontx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjoniiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kontx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kontx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollok id-droga msemmija fil-pussess tieghek u nqast li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilek ghall-uzu tieghek skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicni Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Kellu fil-pussess tieghu il-pjanta cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur tal-artikolu 8(d) Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Kellu fill-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur tal-artikolu 8(a) tal- Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. Talli kkommetta reat waqt li kien taht ordni ta' probation, moghtija mill-Qorti ta' Malta, preseduta mill-Magistrat Dr. A. Demicoli LL.D. nhar it-12 ta' Mejju 2017, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skond l-artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali datat is-7 ta' Marzu 2018, *ai termini* tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligjiet ta' Malta) li permezz tieghu, ordna li l-imputat jitressaq quddiem din il-Qorti biex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu[1];

Rat id-Digriet tal-Assenjazzjonijiet ta' Kawzi u Doveri datat it-28 ta' Lulju 2021, permezz ta' liema din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti hekk kif inhi ppreseduta kif ukoll l-ezenzjoni tal-partijiet mis-smigh mill-gdid tal-provi gia mismugha minn din il-Qorti diversament preseduta[2];

Rat u Semghet ix-xhieda;

---

[1] Fol. 6 tal-atti processwali
[2] Fol.39 u 42 tal-atti processwali

Rat l-atti processwali kollha tal-kaz odjern u d-dokumenti esebieti;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

Il-Fatti:

Illi mix-xhieda tal-ufficjal prosekutur, l-ispettur Malcolm Bondin, jirrizulta li huwa rcieva telefonata minghand nurse fi hdan is-sezzjoni tad-DDU gewwa l-isptar Monte Carmeli, Joe Pace, permezz ta' liema gie infurmat li waqt li kienet qed jaghmel tfittxija fil-hwejjeg (fil-*hood* ta' *hoddie* ta' kulur roza) ta' pazjent taghhom – Jacob Rakban kien sab xi sustanza suspettata droga illecita. In-nurse Pace gie mharrek mill-prosekuzzjoni bil-ghan li jixhed fil-proceduri odjerni, madanakollu ma ftakar xejn dwar l-imputat u dwar ir-rapport li huwa stess kien ghamel lill-pulizija. L-ispettur Bondin bil-gurament tieghu jispjega li hekk kif ircieva r-rapport hawn fuq imsemmi mis-Sur Pace, huwa informa lill-Magistrat Inkwerenti, li min-naha tieghu kien hatar numru ta' esperti, fosthom lill-ispizjar Godwin Sammut li analizza s-sustanza li kienet instabet fil-hwejjeg tal-imputat, senjtament gewwa *hoodie* ta' lewn roza. L-ispizjar Godwin Sammut, wara li analizza s-sustanza misjuba fl-imsemmi hoddie, wasal ghas-segwenti konkluzzjonijiet:

> *"Illi fuq estratti mehuda mit-trab ta' lewn abjad li hemm fid-dokument immarkat 129_18_01 instabet is-sustanza kokaina. Il-piz totali tat-trab kien ta' 0.98 grammi u l-purita' kienet ta' circa 15%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-ligi taht l-Ewwel Skeda, Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.*
>
> *Illi fuq estratti mehuda mit-trab ta' lewn kannella li hemm fid-dokument immarkat 129_18_01 instabet is-sustanza eroina. Il-piz total tat-trab kien ta' 0.35 grammi u l-purita kienet ta' circa 18%.*
>
> *Din is-sustanza hija kkontrollata bil-ligi taht l-Ewwel Skeda, Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta."*[3]

Illi l-qua imputat, Jacob Rakban gie interrogat mill-pulizija wara li huwa gie infurmat bid-drittijiet spettanti lilu inkluz id-dritt tal-assistenza waqt l-istqarrija. Huwa rrifjuta d-dritt ghall-assistenza legali, tant li ffirma dikjarazzjoni f'dan is-sens li gie esebita fl-atti processwali odjerni u giet immarkata bhala Dok. MB1.

---

[3] Fol. 73 u 74 tal-atti processwali.

Fl-istqarrija rrillaxata minnu, Rakban ikkonferma li s-sustanzi kokaina u eroina li nstabu fil-hoodie kienu tieghu. Jghid li kien ilu xi xhur li poggiehom hemm. Fl-istess stqarrija jghid li huwa kienu ilu jikkonsma s-sustanza illeciti sa minn meta kellu erbatax-il sena. Mistoqsi liema sustanzi kien jikkonsma, Rakban wiegeb li kien jikkonsma s-sustanza cannabis, kokaina u smack (eroina). Jghid li kien jikkonsma l-cannabis billi jpejjipha f'okkazzjoni fi tmiem il-gimgha filwaqt li l-eroina u l-kokaina kien jikkonsmahom kuljum permezz tas-siringa.

B. Kunsiderazzjonijiet dwar ir-reita' tal-imputat

Jibda biex jinghad li l-persuna (in-nurs) li sab is-sustanzi fil-hoodie li kien jappartjeni lill-imputat bil-gurament tieghu ma ftakar xejn u ghaldaqstant din il-Qorti ma tistax tistrieh fuq din it-testimonjanza ai fini ta' htija. Madanakollu l-ufficjal prosekutur ikkonferma bil-gurament ir-rapport li huwa rcieva minghand l-imsemmi xhud (in-nurs) *a tempo vergine* u jixhed dwar l-investigazzjonijiet kondotti minnu fir-rigward tal-istess rapport. Din il-Qorti lanqas ma tista' tinjora l-istqarrija tal-imputat mehuda skond il-ligi mil-liema kjarament jirrizula li l-imputat ammetta ghall-pussess xjenti tas-sustanzi kokaina u eroina, fejn ikkonferma li dawk kienu tieghu. Fid-dawl ta' dawn ir-rizultanzi, l-ewwel zewg imputazzjonijiet gew sodisfacentament ippruvati.

Fl-istess stqarrija l-qua imputat ammetta ukoll li huwa kien jikkonsma s-sustanza Cannabis. Ma saret l-ebda referenza ghall-ammont ta' cannabis ikkonsmat. Madanakollu tenut kont li jirrizulta li normalment dan kien uzu ta' darba fil-weekend u l-pussess kien wiehed esklussivament ghall-uzu personali tieghu, din il-Qorti ser tati l-beneficcju tad-dubbju lill-imputat u ser tqis li l-ammont tas-sustanza cannabis kien inqas minn seba' grammi. Ghaldaqstant, it-tielet u r-raba'

imputazzjoni gew milquta bl-emendi introdotti f'Dicembru tas-sena 2021 senjatament permezz tal-Att LXVI tas-sena 2021. Bis-sahha ta' dawn l-emendi l-artikolu 4A tal-Kap. 537 jistipula:

> *(1) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra, il-pussess minn persuna ta' 'l fuq minn tmintax (18)-il sena* <u>*tad-droga kannabis f'ammont ta' mhux iktar minn seba' grammi*</u>*, f'ċirkostanzi li jwasslu li wieħed raġonevolment jemmen li tali pussess huwa għall-użu personali ta' tali persuna,* <u>***ma għandux jikkostitwixxi reat***</u>*, u l-persuna ma għandhiex tinżamm f'kustodja taħt arrest minbarra fejnhemm suspett raġonevoli ta' traffikar jew tmexxija ta' droga kannabis*

Illi allura ghalkemm l-att vjolatur kien jikkostitwixxi reat meta sehh, dan madanakollu ma ghadux jigi hekk ikkunsidrat illum il-gurnata.

Illi l-artikolu 12 tal-Kap. 249 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula:

> *(1) Meta xi Att mgħoddi wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-Atti ħassar xi liġi oħra, kemm-il darba ma jidhirx ħsieb kuntrarju, t-tħassir m'għandux –*
>
> *(a) jerġa' jġib fis-seħħ xi ħaġa li ma tkunx fis-seħħ jew lima tkunx teżisti fiż-żmien li fih iseħħ it-tħassir;*
>
> *(b) jolqot it-tħaddim ta' xi liġi qabel ma kienet hekk imħassra jew xi ħaġa magħmula jew li tħalliet issir taħt xi liġi hekk imħassra;*
>
> *(ċ) jolqot xi dritt, privileġġ jew responsabbiltà miksuba jew meħuda taħt xi leġislazzjoni hekk imħassra jew liġejja minn xi leġislazzjoni bħal dik;*
>
> *(d) jolqot xi penali, konfiska jew piena li wieħed seta' jeħel dwar xi reat li jkun sar kontra xi liġi hekk imħassra, jew xi responsabbiltà għal xi penali, konfiska jew piena bħal dawk;*
>
> *(e) jolqot kull stħarriġ, proċedimenti legali, jew rimedju dwar xi dritt, privileġġ, obbligazzjoni, responsabbiltà, penali, konfiska, jew piena kif intqal qabel,*
>
> *u kull stħarriġ, proċedimenti legali, jew rimedju bħal dawk jistgħujinbdew, jitkomplew, jew jiġu nforzati, u kull penali, konfiska jewpiena bħal dawk jistgħu jiġu mposti, bħallikieku l-Att li jħassar majkunx għadda.*

Madanakollu ssir referenza ghas-sentenza mghotija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet il-***Pulizija vs. Juanita Fenech*** nhar is-27 ta' Frar 2019 fejn gie ddikjarat:

> *"Illi in linja mad-decizjonijiet moghtija mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem ibbazati fuq l-artikolu 7 tal-Kovenzjoni Ewropeja dwar il-Drittijiet tal-Bniedem, il-Qorti hija tal-fehma illi illum ebda piena ma ghandha tigi imposta fuq l-appellanti u l-Qorti bilfors trid tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' dina l-akkuza:*
>
> > *"The Court notes that the obligation to apply, from among several criminal laws, the one whose provisions are the most favourable to the accused is a clarification of the rules on the succession of criminal laws, which is in accord with another essential element of Article 7, namely the foreseeability of penalties .... The Court .... affirms that Article 7 § 1 of the Convention guarantees not only the principle of non-retrospectiveness of more stringent criminal laws but also, and implicitly, the principle of retrospectiveness of the more lenient criminal law. That principle is embodied in the rule that where there are differences between the criminal law in*

> *force at the time of the commission of the offence and subsequent criminal laws enacted before a final judgment is rendered, the courts must apply the law whose provisions are most favourable to the defendant."*

*Din il-posizzjoni ġiet riaffermata permezz tas-*sentenza *tal-Qorti Ewropeja fl-ismijiet Öcalan v. Turkey deciza fit-18 ta' Marzu, 2014.*

*Illi l-Professur Sir Anthony Mamo jidher li kien tal-fehma ukoll li f'sitwazzjonijiet bħal dawn il-proċeduri jew l-effett provenjenti minnhom permezz tas-*sentenza *li tkun ingħatat, għandhom jieqfu.*

> *"In fact, in the hypothesis under discussion, though the liability was contracted while the former law was still in force, the prosecution and sentence would be carried on and pronounced after such law has been repealed. So that, if such law were to be applied to such prosecution and sentence, it would be given an effect beyond its legal limit of operation. It is thus not by way of an equitable retrospective application of the new law but rather on the grounds that the operation of the old law cannot extend beyond its repeal (divieto di ultra-attivita') that, in this hypothesis, the criminal proceedings cannot be maintained in respect of the act which, at the time of the trial, has ceased to constitute a criminal offence".*

***B'hekk illum għalkemm il-prosekuzzjoni tar-reat abrogat fil-mori tal-proċeduri jista' jitkompla u dan fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-***

***Att dwar l-Interpretazzjoni, madanakollu l-istess qiegħed jitqies illi huwa leżiv tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem****."* (emfazi ta' dina l-Qorti)

F'dawn ic-cirkostanzi dina l-Qorti ser tghaddi sabiex tiddikjara procediment ezawriet fil-konfront tat-tielet u r-raba' imputazzjoni.

In kwantu ghal hames imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-qua imputat jinghad li l-prosekuzzjoni ma pprezentatx is-sentenza li a bazi taghha inghatat l-istess imputazzjoni u konsegwentament fuq nuqqas ta' provi Rakban ser jigi illiberat minn din l-imputazzjoni.

C. Piena

In kwantu ghall-idonejita' tal-piena, din il-Qorti ser tqis in-natura tal-imputazzjonijiet li taghhom Rakban ser jinsab hati, in-natura u l-ammont ta' sustanzi involuti, il-fatt li huwa ghandu storja twila ta' konsum u dipendenza fuq

sustanza illecita kif ukoll l-isforzi li huwa ghamel sabiex jeghleb l-istess dipendenza. Ser tqis ukoll il-kooperazzjoni tal-imputat mal-investigaturi fejn huwa mal-ewwel ha responsabilita' tal-eghmil tieghu kif ukoll dak li jistipula l-artikoli 4 tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Decide**

Ghal dawn il-mottivi, din il-Qorti, wara li rat l-artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-regolamenti 4 u 9 tal-Ligi Sussidjarja 101.02 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 4 tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet u r-raba' imputazzjonijiet, qed tillibera lill-qua imputat mill-hames imputazzjoni filwaqt li qed issib lill-istess imputat, Jacob Rakban, hati tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu. Konsegwentament din il-Qorti qed tikkundana lill-istess Jacob Rakban ghall-penali ta' disghin Ewro (Eur. 90).

A tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali dina l-Qorti qeghda tordna lill-hati Jacob Rakban sabiex ihallas l-ispejjez fl-ammont ta' Eur. 345.84 konnessi mal-hatra ta' l-esperti fil-proceduri odjerni fi zmien sebgha xhur millum.

Fl-ahhar net, il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga ezebita, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza sa mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.

Christine Farrugia

Deputat Registratur